**MT**

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 28.8.2009
KUMM(2009) 448 finali

# ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĠIT TA' EMENDA NRU 9
# GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2009

## DIKJARAZZJONI TAL-INFIQ SKONT IT-TAQSIMA
## Taqsima III – Il-Kummissjoni

MT MT

**ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĠIT TA' EMENDA NRU 9**
**GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2009**

**DIKJARAZZJONI TAL-INFIQ SKONT IT-TAQSIMA**
**Taqsima III – Il-Kummissjoni**

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 272 tiegħu,

– it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 177 tiegħu,

– ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2007 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-baġit generali tal-Komunitajiet Ewropej[1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1525/2007[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Il-Kummissjoni Ewropea hawnhekk tippreżenta lill-awtorità tal-baġit l-Abbozz Preliminari tal-Baġit ta' Emenda Nru 9 għall-baġit tal-2009.

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
[2] ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9.

# WERREJ

1. Introduzzjoni ... 4

2. Mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE ... 4

2.1. L-Italja: Terremot ... 4

2.2. Finanzjament ... 5

TABELLA FIL-QOSOR SKONT L-INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU ... 9

**TIBDILIET FID-DIKJARAZZJONI TAL-INFIQ SKONT IT-TAQSIMA**

It-tibdil fid-dikjarazzjoni tal-infiq skont it-taqsima jintbagħat separatament permezz tas-sistema SEI-BUD. Verżjoni bl-Ingliż tat-tibdil għad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul skont it-taqsima hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness tal-baġit.

## 1. INTRODUZZJONI

L-Abboz Preliminari tal-Baġit ta' Emenda (PDAB) Nru 9 għall-2009 jkopri l-Mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għal ammont ta' EUR 493 771 159 f'approprjazzjonijiet għal-impenji u għall-ħlasijiet marbuta mal-effetti ta' terremot fl-Italja. Huwa propost li l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet li jikkorrispondu ma' dan jiġu riallokati mill-oqsma ta' politika 05 Agrikultura u Żvilupp Rurali, 07 Ambjent, 08 Riċerka u 11 Affarijiet Marittimi u Sajd.

## 2. MOBILIZZAZZJONI TAL-FOND TA' SOLIDARJETÀ TAL-UE

### 2.1. L-Italja: Terremot

F'April 2009, terremot qawwi affettwa r-reġjun Taljan ta' Abruzzo, u kkawża l-mewt ta' 300 persuna u danni sinifikanti ħafna. Fil-limitu ta' żmien massimu ta' 10 ġimgħat stabbilit mill-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002[3], l-awtoritajiet Taljani applikaw għal għajnuna finanzjarja mill-Fondi tas-Solidarjetà tal-UE fir-rigward tat-terremot.

Is-servizzi tal-Kummissjoni eżaminaw dawn l-applikazzjonijiet bir-reqqa skont ir-Regolament (KE) 2012/2002 u b'mod partikolari l-Artikoli 2, 3 u 4 tiegħu. Fil-qosor, l-aktar elementi importanti tal-valutazzjonijiet huma dawn:

(1) L-applikazzjoni tressqet lill-Kummissjoni fit-8 ta' Ġunju 2009 li kien fil-limitu preskritt ta' 10 ġimgħat wara li kienu rreġistrati l-ewwel ħsarat fis-6 ta' April 2009.

(2) Id-diżastru huwa ta' oriġini naturali. L-awtoritajiet Taljani stmaw id-dannu dirett totali għal EUR 10 212 036 560. Dan l-ammont jirrappreżenta 0,67 % tad-DGN tal-Italja u aktar minn tliet darbiet il-limitu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond tas-Solidarjetà. L-analiżi tas-servizzi tal-Kummissjoni wriet li l-metodi użati mill-Italja sabiex tikkalkula l-kategoriji differenti tad-danni huma ddettaljati ħafna u korretti u r-riżultati huma plawżibbli. L-istima tad-danni diretti totali tidher fil-fatt li hi pjuttost prudenti.

(3) Billi l-ammont stmat tal-ħsarat totali diretti ta' EUR 10 212 036 560 jaqbeż il-limitu ta' EUR 3,398 biljun (jiġifieri EUR 3 biljun bil-prezzijiet tal-2002) applikabbli għal Italja fl-2009 id-diżastru jikkwalifika bħala "diżastru naturali kbir" u għaldaqstant jaqa' fil-qasam prinċipali tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002. Il-ħsara diretta totali hija l-bażi li fuqha jsir il-kalkolu tal-ammont ta' għajnuna finanzjarja. L-għajnuna finanzjarja tista' tintuża biss għal operazzjonijiet ta' emerġenza essenzjali kif definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament.

(4) It-terremot ikkawża qerda kbira għall-infrastrutturi bażiċi, djar privati, bini pubbliku, impriżi u wirt kulturali importanti u kkawża wkoll ħsara serja għall-popolazzjoni. Iż-żoni li ntlaqtu jinkludu l-Provinċja tal-Aquila kollha kemm hi, il-biċċa l-kbira tar-Reġjun ta' Abruzzo u xi żoni li jmissu magħhom. Il-kapitali reġjonali, L'Aquila, ġiet milquta partikolarment ħażin, u l-agħar impatt kien fiċ-ċentru storiku tagħha, li għadu

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 311 tal-14.11.2002, p. 3.

s'issa kompletament inaċċessibbli. Minn popolazzjoni totali ta' madwar 300 000 affettwati mid-diżastru, ġie rrappurtat li 300 tilfu ħajjithom u 1500 ġew feruti. Eluf tilfu darhom u/jew l-impriżi privati tagħhom, madwar 30 000 għadhom qed jiġu ospitati f'kampijiet tat-tined. 32 000 oħra huma ospitati f'hotels u djar privati fuq il-kosta tal-Adrijatiku u madwar 20 000 huma rrappurtati li marru f'akkomodazzjoni privata barra mir-reġjun. 25 % tal-binjiet eżaminati s'issa rriżultaw li huma perikolużi ħafna. Id-diżastru affettwa b'mod serju wkoll is-sitwazzjoni soċjo-ekonomika tar-reġjun kollu bl-attività ekonomika tiġi mnaqqsa drastikament jekk mhux imwaqqfa. L-istess japplika għall-attivitajiet tal-università lokali b'27 000 student li wkoll kienu jikkostitwixxu fattur ekonomiku importanti għar-reġjun. L-applikazzjoni fiha analiżi dettaljata tal-impatt tat-terremot u analiżi tad-danni totali stmati, skont is-settur.

(5) L-ispiża għal ħidmiet ta' emerġenza essenzjali eliġibbli taħt l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 ġiet stmata mill-awtoritajiet Taljani li hija ta' EUR 2 004 142 174 u din ġiet maqsuma skont it-tipi differenti ta' ħidmiet. L-ogħla sehem tal-ispiża fuq l-operazzjonijiet ta' emerġenza (aktar minn EUR 1,6 biljun) jirrigwarda l-attivitajiet tas-servizzi tas-salvataġġ u, b'mod partikolari, l-akkomodazzjoni proviżorja u l-għajnuna sħiħa għal aktar minn 65 000 persuna. Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Taljani, huwa evidenti li l-ispiża reali tal-operazzjonijiet eliġibbli taqbeż sewwa l-ammont ta' għotja possibbli mill-Fond ta' Solidarjetà. It-tipi ta' operazzjoni li se jiġu effettivament iffinanzjati mill-Fond se jiġu ddefiniti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni.

(6) L-awtoritajiet Taljani ddikjaraw li qed jesploraw il-possibilitajiet għall-finanzjament ta' parti mir-rikostruzzjoni li tmur lil hinn mill-operazzjonijiet ta' emerġenza permezz tal-programmi operattivi relevanti kofinanzjati mill-Fondi Strutturali.

(7) L-awtoritajiet Taljani kkonfermaw li l-operazzjonijiet eliġibbli msemmija taħt il-punt (5) hawn fuq mhumiex koperti b'assigurazzjoni.

Bħala konklużjoni, għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, qiegħed jiġi propost li l-applikazzjoni magħmula mill-Italja dwar it-terremot ta' April 2009 tiġi aċċettata bħala waħda ta' "diżastru maġġuri" u li tiġi proposta l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà.

## 2.2. Finanzjament

Il-baġit annwali totali disponibbli għall-Fond ta' Solidarjetà huwa ta' EUR 1 000 miljun. Fl-2009, EUR 121,2 miljun diġà ġew allokati għal applikazzjonijiet li saru qabel, u dan iħalli disponibbli l-ammont ta' EUR 878,8 miljun.

Billi s-solidarjetà kienet il-ġustifikazzjoni ċentrali għall-ħolqien tal-Fond, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-għajnuna mill-Fond għandha tkun progressiva. Dan ifisser li, skont prattika preċedenti, il-parti tal-ħsarat li taqbeż il-limitu minimu (0,6 % tad-DGN jew EUR 3 biljun bil-prezzijiet tal-2002, skont liema ammont minnhom ikun l-iżgħar) għandha twassal għal intensità ta' għajnuna akbar minn ħsarat li ma jaqbżux il-limitu minimu. Ir-rata applikata fl-imgħoddi biex ikunu definiti l-allokazzjonijiet għal diżastri maġġuri hija ta' 2,5 % tal-ħsarat diretti totali taħt il-limitu minimu għall-użu tal-Fond u 6 % 'l fuq mil-limitu minimu. Il-metodoloġija biex tiġi kkalkulata l-għajnuna tal-Fond ta' Solidarjetà kienet imfassla fir-Rapport Annwali tal-2002-2003 dwar il-Fond ta' Solidarjetà u aċċettata mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew.

Qed jiġi propost li jkunu applikati l-istess persentaġġi f’dan il-każ u li jingħataw l-ammonti ta’ għajnuna li ġejjin:

(EUR)

| | Ħsara diretta | Limitu minimu | *Ammont ibbażat fuq 2,5 %* | *Ammont ibbażat fuq 6 %* | **Ammont totali tal- għajnuna proposta għajnuna proposta** |
|---|---|---|---|---|---|
| L-Italja, it-terremot tal-Abruzzo | *10 212 036 560* | *3 398 601 000* | *84 965 025* | *408 806 134* | ***493 771 159*** |
| **Total** | | | | | ***493 771 159*** |

Dan l-ammont ta’ kumpens se jħalli mill-anqas 25% tal-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea disponibbli għall-allokazzjoni matul l-aħħar kwart tas-sena, kif mitlub mill-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) 2012/2002.

In-Nota ta' Rimarka tal-Previżjoni tal-Baġit, li ġġib id-data tat-18 ta' Ġunju 2009, ippreżentat l-istat tad-disponibbiltà tal-fondi fil-31 ta' Mejju 2009. B'konsegwenza, huwa propost li jiġu mċaqalqa l-EUR 493 771 159 f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet mill-oqsma ta' politika 05 Agrikoltura u Żvilupp Rurali, 07 Ambjent, 08 Riċerka u 11 Affarijiet Marittimi u Sajd, kif ippreżentat hawn taħt:

**05 04 02 01 Tlestija tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija, Taqsima tal-Gwida - Reġjuni tal-Objettiv 1 (2000-2006) – EUR 70 110 359:** Din ir-riallokazzjoni hija possibbli għaliex, kuntrarjament għall-pjanijiet inizjali, l-ebda programm mhu se jingħalaq fl-2009 u l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet li huma disponibbli se jintużaw biss għar-rimborsi ta' mhux aktar minn 95 % tal-ammonti impenjati.

**06 02 06 Programm Marco Polo II – EUR 23 000 000:** Matul il-proċedura tal-baġit tal-2009, l-awtorità tal-baġit ivvutat EUR 37 miljun f'approprjazzjonijiet addizzjonali għall-ħlasijiet fuq din il-linja tal-baġit. Madankollu, il-ħtiġijiet fl-2009 se jkunu limitati għall-ħlasijiet tal-prefinanzjament u, għar-raġuni li mhux se jkunu dovuti ħlasijiet interim matul is-sena, se jkun possibbli biss li tiġi assorbita parti mill-ammont addizzjonali permezz tal-prefinanzjament tal-2009.

**06 04 06 – Il-Programm ta' Qafas tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni, il-Programm 'Intelligent Energy Europe' – EUR 38 000 000:** Matul il-proċedura tal-baġit tal-2009, l-awtorità tal-baġit ivvutat EUR 50 miljun f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet addizzjonali fuq din il-linja tal-baġit, li huwa aktar mid-doppju tal-ammont mitlub (EUR 23 miljun) fl-Abbzz Preliminari tal-Baġit. Minkejja li EUR 12-il miljun, li jirrappreżentaw 52% tal-allokazzjoni oriġinali, jistgħu jiġu assorbiti, il-Kummissjoni u l-benefiċjarji ma jistgħux jassorbu l-bilanċ tat-EUR 38 miljun fl-2009. Għaldaqstant, se jkun possibbli biss li tiġi assorbita parti minn din iż-żieda fl-2009.

**Partita 06 06 01 02 Riċerka relatata mal-enerġija - Impriża Konġunta Ċelloli tal-Fjuwil u Idroġenu (FCH) - EUR 19,660,800:** Is-sejħa għall-2009 tnediet fil-bidu ta' Lulju, b'data tal-għeluq tal-15 ta' Ottubru 2009. Meta jitqies iż-żmien meħtieġ għall-valutazzjoni, l-għażla u n-negozjar tal-proġetti, il-kuntratti huma mistennija li jiġu ffirmati fl-2010. Għaldaqstant, mhux se jkun hemm ħlasijiet f'din il-linja tal-baġit fl-2009.

**06 06 02 01 Ir-Riċerka relatata mat-trasport (inkluża l-Aeronawtika) - EUR 15 000 000:** Is-sejħa għall-proposti saret fl-2007, iżda l-kuntratti ġew iffirmati biss fi tmiem l-2008, li jfisser li mhux se jkun possibbli li jsiru l-biċċa l-kbira tal-ħlasijiet intermedji fl-2009. Minbarra dan, il-kuntratti relatati mas-sejħa tal-2008 mhumiex se jiġu ffirmati sa tmiem l-2009, li jfisser li l-ħlasijiet tal-prefinanzjament previsti mhumiex se jsiru. Ir-raġuni għad-dewmien fil-finalizzazzjoni tal-kuntratti hija li, sew fl-2008 u kif ukoll fl-2009, in-negozjati mal-benefiċjarji ħadu aktar biex tlestew milli kien mistenni, u fil-prattika ż-żmien meħtieġ għall-ikkuntrattar kien aktar milli kien ippjanat.

**06 06 02 03 Impriża Konġunta SESAR – EUR 10 000 000:** SESAR hija wkoll iffinanzjata b'approprjazzjonijiet mill-EUROCONTROL. Madankollu, iż-żmien meta kellu jiġi s-sostenn finanzjarju mill-EUROCONTROL ma kienx ċar meta tħejja l-baġit tal-2009. EUROCONTROL issa trasferiet il-kontribuzzjoni tagħha għall-2009, bir-riżultat li hija meħtieġa kontribuzzjoni iżgħar mill-baġit tal-Komunità - EUR 13-il miljun biss meta mqabbla mat-EUR 23 miljun previsti fil-baġit.

**06 06 05 02 Tlestija tas-sitt programm ta' qafas tal-KE (2003-2006) – EUR 35 000 000:** Dewmien fil-preżentazzjoni tar-rapporti intermedji mill-benefiċjarji wasslu għal aktar dewmen fl-implimentazzjoni sħiħa ta' din il-linja tal-baġit.

**07 03 07 - LIFE+ (Strument Finanzjarju għall-Ambjent - 2007 sa 2013 - EUR 110 000 000:** Matul il-proċedura tal-baġit tal-2009, l-awtorità tal-baġit żiedet l-approprazzjonijiet għal LIFE+, sew f'impenji (+ EUR 29,3 miljun) u f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet (+ EUR 131 miljun). Il-Kummissjoni ssegwi sistema ta' ħlas fir-rigward tal-għotjiet LIFE+ li hi bbażata fuq l-obbligi tal-bażi legali fir-rigward tal-organizzazzjoni ta' sejħa annwali waħda għall-proposti għall-proġeti. Meta jitqies it-tul multiannwali tal-proġetti, din is-sistema ta' ħlas twassal għal ħlas ta' 40 % tal-impenn (relatat ma' din is-sejħa għall-proposti) fis-sena tal-firma tiegħu, 30 % meta jkun intlaħaq livell suffiċjenti ta' nfiq (normalment bejn l-ewwel u t-tielet sena wara l-firma), u 30 % wara l-valutazzjoni tar-rapport finali (minn tliet snin sa sitt snin oħra jew aktar wara l-firma). Għal din ir-raġuni, iż-żieda fl-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet ivvutati ma tistax tiġi implimentata fl-2009. Dan il-fatt ġie kkomunikat lill-awtorità tal-baġit fiż-żmien tal-ittra tal-implimentabilità (Novembru 2008), u għal darba oħra fid-dikjarazjoni tal-attività 07 03 li kienet takkumpanja l-Abbozz Preliminari tal-Baġit għall-2010.

**08 02 01 Koperazzjoni – Saħħa – EUR 25 000 000:** Dewmien fil-proċeduri tal-impenji wassal biex ħlasijiet ta' prefinanzjament previsti għall-2009 jiġu mgħoddija għall-2010. Meta mqabbla mal-Abbozz Preliminari tal-Baġit (APB) 2009, l-iskeda għas-sejħa għall-proposti għall-FP7-Saħħa 2009 ċċaqalqet bi ftit għaliex l-approvazjoni tal-Programm ta' Koperazzjoni fil-Ħidma 2009 - Saħħa ġie pospost sa tmiem Awwissu 2008. Meta l-APB 2009 kien qed jitfassal kmieni fl-2008, ġie maħsub li l-Programm ta' Ħidma 2009 kien se jiġi approvat sa tmiem Ġunju 2008. Il-fatt li l-Programm ta' Ħidma ġie ppubblikat xahrejn wara wassal għal dewmien fil-pubblikazzjoni u fl-għeluq tas-sejħa għall-proposti (Diċembru 2008 minflok Ottubru kif kien ippjanat). L-iskeda inizjali (valutazzjoni, impenn globali, negozjati, impenn, firma tal-kuntratti u twettiq tal-prefinanzjament) għalhekk sofriet dewmien. B'riżultat ta' dan, se jsiru anqas impenji individwali fl-2009 u għalhekk se jiġu prefinanzjati anqas każijiet fl-2009 (il-bqija se jiġu posposti għall-2010). Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet jistgħu jitpoġġew għad-dispożizzjoni.

**08 07 02 Koperazzjoni – Trasport - Impriża Konġunta Sema Nadifa – EUR 22 000 000:** Il-baġit operattiv 2009 se jitwettaq permezz ta' żewġ tipi differenti ta' kuntratti: 1) Ftehimiet ta' Għotja għall-Membri (GAM), li huma kuntratti ta' sena bi prefinanzjament ta' 80 % fis-

sena nnifisha u 20 % fis-sena ta' wara, u 2) Ftehimiet ta' Għotja għall-Imsieħba (GAP), wara sejħiet għall-proposti, bi skeda multiannwali. Is-sejħa se titnieda fit-tielet jew ir-raba' trimestru tal-2009, li jfisser li l-ebda ħlas mhu se jkun assoċjat magħha għas-sena 2009. Dan ifisser li l-uniċi approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet fuq il-linja operattiva li huma previsti għas-sena 2009 jsegwu mill-impenji pendenti (RAL) 2008, u mill-prefinanzjament tal-Ftehimiet ta' Għotja għall-Membri. Il-baġit tal-2009 tħejja qabel il-Pjan ta' Implimentazzjoni Annwali tal-Clean Sky fis-26 ta' Mejju 2009. Ladarba l-pjan adottat jitlob kontribuzzjoni iżgħar mill-baġit tal-Komunità milli kien antiċipat oriġinarjament, jistgħu jiġu riallokati madwar EUR 22 miljun.

**08 10 01 Ideas – EUR 45 000 000:** L-2009 hija l-ewwel sena tal-programm Ideas li għaliha huma dovuti ħlasijiet interim. Abbażi tal-ewwel talbiet għall-ħlas riċevuti, l-estimi inizjali ġew imnaqqsa. Minbarra dan, dewmien fil-valutazzjonijiet se jirriżulta f'dewmien fl-iffirmar tal-ftehimiet tal-għotjiet. Għaldaqstant, l-ammont tal-approprjazzjonijiet meħtieġ għall-ħlasijiet ta' prefinanzjament ġie wkoll imnaqqas. B'kollox, dan irriżulta fi tnaqqis ikkalkulat ta' EUR 45 miljun.

**11 06 01 Tlestija tal-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (FIFG) – Objettiv 1 (2000-2006) – EUR 16 000 000 u 11 06 04 Twettiq tal-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (FIFG) – barra ż-żoni tal-Objettiv 1 (2000-2006) – EUR 65 000 000:** EUR 81 miljun f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-perjodu ta' pprogrammar 2000-2006 huma disponibbli għaliex il-ħlasijiet għal numru ta' programmi operattivi laħqu l-limitu massimu għall-ħlasijiet li jistgħu jsiru qabel l-għeluq finali. Dan il-limitu massimu ntlaħaq aktar kmieni milli kien previst għaliex l-Istati Membri ressqu talbiet għal ħlas ogħla milli previst fl-2008, u dawn ġew koperti permezz ta' trasferiment, li ppermetta li numru ta' ħlasijiet antiċipati għall-2009 jsiru fl-2008.

## TABELLA FIL-QOSOR SKONT L-INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU

| Qafas finanzjarju Intestatura/sottointestatura | Qafas finanzjarju 2009 | | Baġit 2009 (inklużi BE 1-5 u APBE 6-8) | | APBE 9/2009 | | Baġit 2009 (inklużi BE 1-5 u APBE 6-9) | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | CA | PA | CA | PA | CA | PA | CA | PA |
| **1. TKABBIR SOSTENIBBLI** | | | | | | | | |
| 1a. Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi | 13 272 000 000 | | 13 768 997 000 | 11 100 585 513 | | -232 660 800 | 13 768 997 000 | 10 867 924 713 |
| 1b. Koeżjoni għat-tkabbir u l-impjiegi | 48 428 000 000 | | 48 426 884 669 | 34 963 348 789 | | | 48 426 884 669 | 34 963 348 789 |
| **Total** | **61 700 000 000** | | **62 195 881 669** | **46 063 934 302** | | **-232 660 800** | **62 195 881 669** | **45 831 273 502** |
| *Marġini*[4] | | | *4 118 331* | | | | *4 118 331* | |
| **2. PRESERVAZZJONI U ĠESTJONI TAR-RIŻORSI NATURALI** | | | | | | | | |
| Li minnhom infiq relatat mas-suq u ħlasijiet diretti | 46 679 000 000 | | 41 180 696 325 | 41 083 823 325 | | | 41 180 696 325 | 41 083 823 325 |
| **Total** | **57 639 000 000** | | **56 770 777 011** | **52 566 129 680** | | **-261 110 359** | **56 770 777 011** | **52 305 019 321** |
| *Marġini* | | | *868 222 989* | | | | *868 222 989* | |
| **3. ĊITTADINANZA, LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA** | | | | | | | | |
| 3a. Libertà, Sigurtà u Ġustizzja | 872 000 000 | | 866 225 000 | 617 440 000 | | | 866 225 000 | 617 440 000 |
| 3b. Ċittadinanza | 651 000 000 | | 772 125 542 | 800 122 542 | 493 771 159 | 493 771 159 | 1 265 896 701 | 1 293 893 701 |
| **Total** | **1 523 000 000** | | **1 638 350 542** | **1 417 562 542** | **493 771 159** | **493 771 159** | **2 132 121 701** | **1 911 333 701** |
| *Marġini*[5] | | | *5 812 000* | | | | *5 812 000* | |
| **4. IR-RWOL GLOBALI TAL-UE**[6] | **7 440 000 000** | | **8 103 930 360** | **8 324 169 158** | | | **8 103 930 360** | **8 324 169 158** |
| *Marġini* | | | *-419 930 360* | | | | *-419 930 360* | |
| **5. AMMINISTRAZZJONI**[7] | **7 699 000 000** | | **7 700 730 900** | **7 700 730 900** | | | **7 700 730 900** | **7 700 730 900** |
| *Marġini* | | | *76 269 100* | | | | *76 269 100* | |
| **6. KUMPENS** | **210 000 000** | | **209 112 912** | **209 112 912** | | | **209 112 912** | **209 112 912** |
| *Marġini* | | | *887 088* | | | | *887 088* | |
| **TOTAL** | **136 211 000 000** | **121 934 000 000** | **136 618 783 394** | **116 281 639 494** | **493 771 159** | **0** | **137 112 554 553** | **116 281 639 494** |
| *Marġini* | | | *535 379 148* | *6 095 523 048* | | | *535 379 148* | *6 589 294 207* |

4 Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) mhuwiex inkluż fil-kalkolu tal-marġini taħt l-Intestatura 1a.

5 L-ammont tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (EUSF) ikun inserit apparti l-intestaturi relevanti kif previst mill-FII tas-17 ta' Mejju 2006 (ĠU C 139 tal-14.6.2006)

6 Il-marġini għall-2009 fl-intestatura 4 ma jinkludix l-approprjazzjonijiet relatati mar-Riżerva għal Għajnuna f'Emerġenza jew il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà.

7 Għall-kalkolu tal-marġini taħt il-limitu massimu tal-intestatura 5, ittieħed kont tan-nota (1) f'qiegħ il-paġna fil-qafas finanzjarju 2007-2013 għal somma ta' EUR 78 miljun għall-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni.